# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 27 ta' Marzu 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 560 /2024 JPG**
**Kawza nru.: 19**

**CP u CC**
**Vs**
**X**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 8 ta' Novembru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi CP, u CC, izzewgu fil-Victoria, British Columbia, Canada, nhar l-erbatax (14) ta' Awwissu, elf, disa' mija u disghin (1990) (ara Certifikat Att taz-Zwieg Dok. A) u l-hajja konjugali ta' bejniethom giet reza impossibli minhabba inkompatibilita' ta' karattru u ragunijiet ohra.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett (3) ulied: J (data tat-twelied X ara Dok B illum ghandu X sena; JN (data tat-twelied Y ara Dok C. Illum ghandha Y sena; u A (data Dok D illum ghandu Z sena, u li llum l-imsemmija tliet ulied, kif jidher mid-dokumenti tat-twelied huma t-tlieta li huma maggorenni.*

3. *Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn Novembru elfejn u ghoxrin (11/2020) u de jure mit-tletin ta' April, elfejn wiehed u ghoxrin -30/4/2021 (ara Kuntratt ta' Separazzjoni* ***Dok E****).*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom separati u ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn tliet (3) snin, illum il-partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.*

5. *Illi ai termini tal-klawsoli indikatai fl-imsemmi Kuntratt ta' Separazzjoni (Dok E) il-partijiet irrindunzjaw*

   *"ghal kull jedd successorju fil-konfront ta' xulxin u ghal-legittima portio ..." .kif hemm fi Klawsola 2;*

   *"Mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin" kif hemm fi Klawsola 4;*

   *U l-partijiet irriakkwistaw*

   *"id-dritt li jaghmlu l-atti kollha tal-hajja civili u kummercjali minghajr il-kunsens, approvazzjoni jew intervent tal-parti l-ohra u/jew tal-Qorti kompetenti" kif hemm fi Klawsola 3.*

6. *Illi l-imsemmija CC skond l-imsemmi Kuntratt ta' Separazzjoni (Dok E, Klawsola 21) irrevertiet ghal kunjom xbubitha, cioe' C.*

7. *Illi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiziti tal-Artiklu 66B ta' Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti u kwindi ma hemm l-ebda impediment ghall-hall taz-zwieg.*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti CP u CC jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsijasi dikjarazzjonijiet u/jew provvedimenti opportuni, a tenur ta' artiklu 66A et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet CP, u CC, zwieg li gie ccelebrat fil-Victoria, British Columbia, Canada nhar l-erbatax ta' Awwissu, elf disa' mija u disghin (14/08/1990);*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-**divorzju** tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CP xehed** (vide affidavit fol 17) illi l-partijiet izzewgu nhar l-14 ta' Awwissu 1990 fil-Victoria, British Columbia, Canada. Minn dan iz-zwieg twieldu tlett ulied, illum maggorenni. Xehed illi l-partijiet ilhom jghixu de facto separati minn Novembru 2020 u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar it-30 t' April 2021 fl-atti tan-Nutar Dr Angele Rapa. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**CC xehdet** (vide affidavit fol 18) u kkonfermat u korroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-14 ta' Awwissu 1990 fil-Canada liema zwieg gie registrat f'Malta b'certifikat numru 818/1990 (Vide certifikat taz-zwieg, DOK A fol 3). Jirrizulta li l-partijiet kellhom tlett ulied, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Angele Rapa nhar t-30 ta' April 2021 (Vide Dok E a fol 7 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 818/1990 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**